MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-8 ta' April, 2005

Citazzjoni Numru. 150/1999/1

Citazzjoni nru 150/99

L-Avukat Dottor Chris Said bhala mandatarju ta' l-imsefrin Gustav u Marta konjugi Gysin

vs

AIC Victor Bigeni u Carmel Bigeni

Il-Qorti,

Fic-citazzjoni l-attur nomine ppremetta:

Illi huwa (fil-kapacita' ta' mandatarju) hu proprjetarju tal-flat bl-isem "Veduta Kenuna" li jifforma parti minn block ta' flats bl-isem ta' "Ta' Kenuna Block A" fi Triq it-Torri ta' Kenuna, qabel Triq it-Telegrafu, fin-Nadur, Ghawdex;

Illi dan il-flat jifforma parti minn block flats illi nbena ad opera ta' Carmel Bigeni bhala bennej u taht is-supervizjoni tal-Peritt Arkitett Inginier Civili Victor Bigeni;

Illi fl-ahhar snin tfaccaw konsenturi ta' entita' kbira illi rrendew il-fond hawn fuq imsemmi fi stat ta' perikolu;

Illi konsegwenza tal-perikolu car ezistenti fl-imsemmi fond u tax-xoghlijiet rimedjali li kienu qed isiru mill-konvenuti, l-imsemmi flat ma kienx ghadu tajjeb ghall-abitazzjoni u ghalhekk l-attur nomine sofra telf ta' uzu ta' l-imsemmi fond peress illi ma setax jikri l-imsemmi flat stante l-perikolu li hemm fih;

Illi waqt li kienu ghaddejjin ix-xoghlijiet strutturali l-attur nomine sofrew danni ohra fil-fond taghhom u fl-oggetti mobbli li kien hemm fl-istess fond hawn fuq indikat;

Illi wara li saru dawn ix-xoghlijiet mill-konvenuti regghu tfaccaw konsenturi ta' entita kbira b'tali mod li prezentement l-istess flat proprjeta' tal-attur nomine mhux tajjeb biex wiehed jabita fih, kif ukoll hemm perikolu li parti minnu jiggarraf;

Illi ghalkemm il-konvenuti gew interpellati diversi drabi sabiex jersqu ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni sofferti mill-attur nomine dawn dejjem baqghu inadempienti;

Talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex m'ghandhiex il-Qorti:

1. tiddikjarhom jew min minnhom responsabbli ghall-hsarat strutturali fil-fond imsemmi u ghad-danni sofferti mill-attur nomine per konsegwenza ta' l-istess hsarat, liema danni jinkludu kemm il-hsarat fil-fond u fil-mobbli li kien hemm fl-istess fond kif ukoll it-telf ta' uzu jew kiri ta' l-imsemmi fond;

2. tillikwida d-danni sofferti mill-attur nomine;

3. tikkundanna lill-konvenuti jew minnnhom ihalsu dawn id-danni kif hekk likwidati;

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficjali mibghuta f’Lulju tas-sena elf disa mija sebgha u disghin (1997), tal-mandat ta’ inibizzjoni, u bl-interessi skond il-ligi sad-data tal-eventwali pagament. Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni tal-konvenuti.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata annessa flimkien mal-lista tax-xhieda;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti li eccepew:

1. in nuqqas ta’ nexus guridiku bejn l-attur u l-konvenuti. L-atturi m’humiex qeghdin jispecifikaw jekk din l-azzjoni ghad-danni hijiex wahda “ex delictu” jew “ex contractu”. L-atturi m’ghandhom ebda ness kuntrattwali mal-konvenuti. Ma jirrizultax li qed jibbazaw l-azzjoni fuq tort jew negilgenza. Ghalhekk l-azzjoni kif proposta ma tistax tigi sostenuta;

2. fi kwalunkwe kaz ma tirrizulta ebda responsabilita’ ta’ “ex contractu” u lanqas ta’ “ex delictu” ghaliex il-perikolu car ta’ tigrif ma garax minhabba difett fil-kostruzzjoni jew xi difett fis-sottoswol izda ghar-ragunijiet geofinici skond ma jista’ jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata annessa flimkien mal-lista tax-xhieda;

Rat l-atti tal-kawza 227/98 u l-kawzi l-ohra assocjati li maghhom dina l-kawza hija konnessa fil-meritu u f’liema kawza riferita hemm migbura l-maggoranza tal-provi;

Ezaminat l-istess provi, wkoll ir-relazzjoni ta’ l-esperti nominati l-Avukat Albert Camilleri u l-Perit Italo Raniolo,

inkluza relazzjoni tal-konsulent geotekniku Anton Cassar li assista lill-periti gia minnha nominati kif diversament preseduta bi qbil bejn l-kontendenti;

Ezaminat n-noti ta’ osservazzjonijiet rispettivi tal-partijiet liema noti huma identici ghall-kawzi kollha konnessi u relatati fil-meritu;

Ikkunsidrat:

Illi l-osservazzjonijiet u l-konkluzjonijiet raggunti mill-Qorti fil-kawza citazzjoni numru 227/98 japplikaw fl-intier taghhom f’din il-kawza. A bazi tas-sentenza moghtija llum stess f’dik ic-citazzjoni din l-Qorti sabet favur il-konvenuti fis-sens illi ghall-hsara li tirrizulta fl-appartamenti fil-korp ta’ bini mibnija mill-konvenut Carmel Bigeni taht is-sorveljanza u supervizzjoni tal-konvenut l-iehor il-Perit Arckitett Victor Bigeni m’humiex responsabbli l-imsemmija konvenuti.

Trattati l-eccezzjonijiet eccepiti mill-konvenuti f’din ic-citazzjoni, il-Qorti qeghdha tirrispingi l-ewwel eccezzjoni taghhom billi, kif gia trattat fis-sentenza taghha fic-citazz, numru 227/98, fuq riferita, ma taqbilx li m’hemmx in-nexus guridiku bejn l-atturi u l-konvenuti. Tilqa’ pero’ it-tieni eccezzjoni taghhom. Konsegwentement tichad t-talbiet ta’ l-atturi fil-konfront ta’ liema talbiet u b’referenza ghall-ewwel talba qeghdha wkoll tichadha anke ghar-rigward it-tieni parti taghha ghal dak li huma danni fil-mobbli u fit-telf ta’ uzu jew kiri ta’ l-imsemmi fond stante li l-atturi, f’kull kaz, ma gabu ebda prova in sostenn ta’ din il-parti tat-talba taghhom.

Ghal dawk li huma spejjez tal-kawza tadotta l-istess mizura bhal fil-kawza citata 227/98 u fic-cirkustanzi u stante d-diffikultajiet tal-punti ezaminati, tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------